# 42. Dante ħdejn il-Għadira

Dante ħarab għal ftit minn ġo Firenze,
minn ġo Firenze fejn il-ġlied u l-agħa
bejn il-Gwelfi u Gibellini kien bla heda
u fl-eqqel tiegħu;

Fuq il-ġwienaħ tal-ħsieb u l-poeżija
kien għadu jasal minn żewġ vjeġi utieqa
ġewwa l-Wied ta' l-Infern u fuq il-Għolja
tal-Purgatorju;

U kellu bżonn ta' serħ sakemm id-dgħajsa
tal-moħħ bi ħsibijiet ta' sliem u hena
terġa' titrawwem għal vjaġġ ieħor itwal
sad-disa' sema.

Ħareġ mill-belt, u baqa' sejjer sejjer
sakemm saqajh wassluh sa ħdejn għadira
ġo nofs ta' bosk, u hemm għajjien u hieni
inxteħet fl-art.

Ir-raxx tan-nixxigħat u t-tisfir ħlejju
ta' l-agħsafar moħbija qalb il-weraq
flimkien mal-mewġ tal-friegħI nisslu f'qalbu
sliem u mistrieħ;

Iżda fuq kollox dak li messlu qalbu
u seraq lil għajnejh kienet id-dehra
ta' l-ilma tal-għadira ċar u safi
daqs il-kristall.

Taħt id-dija tax-xemx dik il-għadira
kellha ġo fiha fuq it-truf tal-friegħi
agħsafar imdendlin u sħab bajdani
jofroq is-sema,

U qalb iċ-ċagħ'q miksi bil-qroll u x-xtieli
qastnin u vjola il-ħut għaddej fi srabat
ħomor u safranin ħfief daqs il-vleġeġ,
sejjer jinnamra.

Kollox kien ċar u fl-istess ħin imċajpar;
xbihat u dellijiet mal-ħut u x-xtieli
kienu jinsġu flimkien ġo l-ilma safi
dinja tal-ħolm.

Dante ftakar f'Narċis u l-ġraja tiegħu,
u xeħet ġebla fl-ilma u qagħ'd jaraha
nieżla bil-mod il-mod sakemm għal kollox
għabet fil-qiegħ.

Baqa' hemm fit-tul iħares u jitħasseb
b'għajnejh imbexxqa t-tnejn u moħħu mkemmex,
sakemm fuq wiċċu dehret it-tbissima
ta' moħħ imnebbaħ,

U qam u tkebbeb ġewwa l-mantar iswed,
libes iċ-ċnetta u qabad il-mogħdija
li tieħu lejn il-belt, dritt dritt lejn daru
fqajra waħdiena;

Daħal id-dar u fuq il-mikteb sahar,
sakemm kiteb it-tielet kant tal-*Ġenna*
li jgħid kif huwa tela' fl-ewwel sema
ma' Beatrice,

U tkellem ma' Pikkarda u ma' Kostanza
u l-erwieħ sħabhom illi kisru l-wegħda
ta' safa u ta' xbubija għax ġagħluhom
in-nies tad-dinja.

U meta ġie sa jfisser kif dehrulu
dawk l-erwieħ hienja ġewwa s-sema safi,
tixbih aħjar ma sabx minn dik id-dehra
li ra fl-għadira.

"Jien rajthom dawk l-uċuħ resqin ħdéjà
bħal meta fl-ilmijiet safjin u ġwejda
li jkollhom il-qiegħ baxx naraw ħaddejna
bil-kemm il-kemm,

“U flok li bħal Narċis ħsibt illi fl-ilma
kien hemm in-nies tas-sew f’dinja oħra hienja
l-uċuħ ħsibthom xbihat u ħarist lura
nara min ġej.”

Hekk Dante qal; u meta xtaq ifisser
il-kliem li tkellem ma’ l-erwieħ ferħana,
nissel fid-dehra s-sliem, is-serħ u l-hena
li ħass fil-bosk:

Għax daqs ilsien il-bilbla wid-durrgħajsa
ilsien Pikkarda ħlejju, u fih il-għasel
daqs l-aqwa sagħtra, u l-ilħna ta’ l-erwieħ
bħall-mewġ tas-siġar.

U reġa’ ftakar fl-ilma tal-għadira
kif ġie biex fisser ta’ l-erwieħ il-mawra:
“Ilkoll bdew ikantaw Ave Marija,
u għabu jgħannu

“Kif tgħib fl-ilma mudlam ċagħqa sammija.”
Dante, missier għażiż, kemm kienet għanja
u rieżqa l-ħarba tiegħek minn Firenze
għal ġewwa l-bosk!

Għaddew mijiet ta’ snin, u xbihat l-ilma
fil-versi tiegħek għadha tidher ħajja,
turi dehriet tas-sema u tnissel l-għaxqa
u s-sliem tal-bosk.